MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tas-17 ta' Novembru, 2003

Talba Numru. 40/2003

**S. Mifsud & Sons Ltd, operaturi tal-lukanda "Forum"**

**vs**

**Joyce Dimech**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-8 ta' Jannar, 2003, fejn intalab li l-konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta attrici s-somma ta' sitt mija u disghin lira Maltin u tletin centezmu (Lm690.30) rappresentanti hlas ta' ikel, xorb u servizz iehor moghti fuq ordni tal-konvenuta gewwa l-istess lukanda nhar il-24 ta' Dicembru 2001.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta attrici sabiex il-konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-

kreditu jigi ippruvat (Artikolu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikata regolarment il-konvenuta naqset u ma dehritx la fis-seduta tat-3 ta’ Ottubru 2003, meta gew ippreznetati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta’ llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;
Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta attrici s-somma ta’ sitt mija u disghin lira Maltin u tletin centezmu (Lm690.30).

L-ispejjez ta’ dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------